MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2006

Numru. 917/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs

Eliseo Pavanello
Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Eliseo Pavanello, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli maltul dawn l-ahhar snin gewwa l-Hamrun u San Giljan f'diversi hinijiet u dati differenti b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda minn xjentement laqgha ghandu jew xtara, jew iccirkula hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u dan ai terminu tal-Artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli matul dawn l-ahhar snin minn gewwa San Giljan f'diversi hinijiet u dati differenti b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda minnu ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa St George's Park Complex ghad-dannu tal-kumpannija Tourist Service Ltd liema serq

huwa aggravat, bil-persuna bil-hin u bil-valur u dan ai terminu tal-Artikoli 18 u 261, 267, 268, 270, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni, il-Qorti wissietu bil-konsegwenzi skond il-ligi ta' din l-ammissjoni u ipposponiet il-kawza ghal dan il-ghan. Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat baqa' iwiegeb li hu hati, ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 334, 261, 267, 268, 270, 279, 280, 281, 17, 28A , 28 E tal-Kap. 9, issibu hati tal-akkuzi kollha;

Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-hati ikkoppera mieghu matul l-investigazzjoni, il-fatt illi ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-hati huwa dispost ihallas l-ammont kollu tal-oggetti misruqa li gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza bhala li jammonta ghal hamest elef lira (LM 5,000) lid-derubat;

Ghalhekk tikkundanna lill-hati ghal sentejn priguneraja sospizi ghal erba' snin millum u tobbligah ihallas is-somma ta' LM 5,000 lil proprjetarji / dirigenti tal-kumpless St George's Park fi zmien sitt xhur millum;

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi ta' din is-sentenza sospiza u bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jonqos li jhallas l-ammont kif imsemmi fi zmien sitt xhur millum;

Finalment il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza flimkien ma l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------